Stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)

Malta fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2026

F'dawn l-aħħar snin, Malta kompliet tagħmel progress sostanzjali lejn aktar ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Skont l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GEI) tal-2026, ippubblikat mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (l-EIGE), Malta kisbet **59.6 punti minn 100**. Dan ifisser żieda ta' 0.9 punti mill-2025 u ta' 9.8 punti mill-2020.

Għalkemm dan juri li Malta kompliet tagħmel progress, il-punteġġ ta' Malta għadu taħt il-medja tal-UE. Malta niżlet ukoll mis-16-il post għas-17-il post fost l-Istati Membri tal-UE, b'punteġġ li huwa 4.9 punti inqas mill-medja tal-UE ta' 64.5 punti. Dan juri li għad hemm bżonn ta' aktar ħidma biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel.

Il-GEI, li ġie introdott fl-2013, huwa għodda importanti biex jiġi mmonitorjat il-progress lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE. L-edizzjoni tal-2026 hija t-tieni waħda li tuża l-metodoloġija riveduta li ġiet introdotta fl-2025. L-Indiċi jkejjel l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'sitt oqsma ewlenin: ix-xogħol, il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter u s-saħħa. Il-punteġġ ivarja minn 0 sa 100, fejn 0 jirrappreżenta inugwaljanza sħiħa bejn il-ġeneri u 100 jirrappreżenta ugwaljanza sħiħa.

Malta kisbet l-aħjar riżultat fil-**qasam tax-xogħol**, fejn ikklassifikat fit-tielet post fl-UE, b'77.6 punti meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 70.7 punti. Madankollu, minkejja r-rata għolja ta' impjieg f'Malta, għad hemm differenza kbira bejn in-nisa u l-irġiel. Ir-rata ta' impjieg ekwivalenti għal full-time hija ta' 53% għan-nisa u 71% għall-irġiel.

Malta kklassifikat ukoll fit-tielet post fil-**qasam tas-saħħa**, b'89.1 punt, ogħla mill-medja tal-UE ta' 86.4 punt. F'Malta, 76% tan-nisa u 82% tal-irġiel iqisu saħħithom bħala tajba jew tajba ħafna. Dawn iż-żewġ figuri huma fost l-ogħla fl-UE.

Fil-**qasam tal-għarfien**, Malta kisbet 58.9 punt, ftit aktar mill-medja tal-UE ta' 57.3 punt. Madankollu, għad hemm differenzi bejn in-nisa u l-irġiel fl-għażliet edukattivi. Fil-fatt, in-

nisa jirrappreżentaw biss 33% tal-gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM).

Minkejja dawn ir-riżultati, għad fadal sfidi importanti. Fil-**qasam tal-flus**, Malta kisbet 72.9 punti u kklassifikat fil-21 post fl-UE, b'differenza sostanzjali ta' 37% bejn il-pensjonijiet tan-nisa u tal-irġiel. In-nisa li jgħixu f'koppja jaqilgħu 73% tad-dħul tas-sieħeb tagħhom. Barra minn hekk, ir-riskju tal-faqar huwa għoli wkoll fost persuni li jaħdmu u jgħixu f'familji b'adult wieħed jew b'ġenitur wieħed, u jolqot 22% tan-nisa u 31% tal-irġiel.

L-inqas punteġġ ta' Malta ġie rreġistrat fil-**qasam tal-poter**, b'27.2 punti, tnaqqis minn 28.1 punt fl-2025. In-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Huma jirrappreżentaw 20% tal-Ministri, 29% tal-Membri Parlamentari u 17% biss tal-membri tal-bordijiet tal-akbar kumpaniji Maltin elenkati fil-Borża.

L-inugwaljanzi huma evidenti wkoll fil-**qasam tal-ħin**, fejn Malta żammet il-punteġġ tagħha ta' 60.6 punti. Ir-responsabbiltajiet tal-kura mhux imħallsa u tax-xogħol tad-dar għadhom jaqgħu l-aktar fuq in-nisa. Fil-fatt, 37% tan-nisa jqattgħu aktar minn 35 siegħa fil-ġimgħa jieħdu ħsieb tfal żgħar, meta mqabbla ma' 14% tal-irġiel. Barra minn hekk, 52% tan-nisa jagħmlu xogħol tad-dar kuljum, meta mqabbla ma' 25% tal-irġiel. Dawn id-differenzi jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet tan-nisa fl-impjieg, fl-avvanz fil-karriera u fil-ħin liberu.

L-Indiċi jenfasizza wkoll it-tħassib kontinwu dwar il-**vjolenza kontra n-nisa**. F'Malta, 24% tan-nisa esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali minn meta kellhom 15-il sena, rata aktar baxxa mill-medja tal-UE ta' 31%. Ic-*cyberbullying* għadu wkoll ta' tħassib. Fost dawk li għandhom 13-il sena, 17% tal-bniet irrappurtaw li kellhom esperjenzi ta' *cyberbullying*, meta mqabbla ma' 14% tas-subien. Sal-età ta' 15-il sena, ir-rata hija ta' 13% kemm għall-bniet kif ukoll għas-subien. Barra minn hekk, 6% tan-nisa f'Malta li qatt ħadmu sofrew fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol permezz tal-midja soċjali jew *messaging applications*. Għalhekk, aktar ħidma hija meħtieġa biex jiġu evitati l-vjolenza u l-fastidju u biex jinħolqu ambjenti aktar siguri, kemm online kif ukoll offline.

Il-GEI 2026 jenfasizza wkoll l-importanza tal-**leave tal-ġenituri** biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jingħata appoġġ lill-familji. F'Malta, 23% tan-nisa impjegati u 26% tal-irġiel impjegati mhumiex eliġibbli għal-leave tal-ġenituri skont il-liġi minħabba li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet marbuta mal-impjieg jew minħabba li jaħdmu għal rashom.

L-NCPE tinnota li, għalkemm Malta għamlet progress lejn aktar ugwaljanza bejn il-ġeneri, ir-riżultati juru li għadhom jeżistu inugwaljanzi f'diversi oqsma. L-NCPE ttenni l-importanza ta' ħidma koordinata biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol, tissaħħaħ ir-rappreżentanza tan-nisa fit-tmexxija u fit-teħid tad-deċiżjonijiet, ikun hemm tqassim aktar ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura, u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għan-nisa u għall-irġiel.

17 ta' Novembru 2026